# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**(AĠENT-PRESIDENT)**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 11 ta' April 2017**

**Numru**

**Rikors numru 1/16 LSO**

**Carmelo Borg u martu Yvonne Ruth Borg**

**v.**

1. **Direttur Ġenerali (Qrati);**
2. **l-Avukat Ġenerali ġie kjamat fil-kawża b'digriet tad-29 ta' Jannar, 2016**

**Il-Qorti:**

1. Fis-6 ta' Jannar, 2016 ir-rikorrenti pproponew kawża kostituzzjonali fejn ilmentaw li f'proċeduri ta' ritrattazzjoni fl-ismijiet **AIC Joseph Barbara et vs Carmelo Borg et** (25/2007) quddiem il-Qorti tal-Appell, seħħ ksur tad-dritt għal smiegħ xieraq meta l-Qorti tal-Appell tat provvediment li bih caħdet rikors li r-rikorrenti ppreżentaw fl-10 ta'

Novembru, 2015 u li bih talbu r-rikuża tal-imħallfin. Ir-rikorrenti jsostnu li l-ksur tad-dritt fundamentali seħħ minħabba li kienu l-istess imhallfin li ppresjedew fil-Qorti tal-Appell li fis-26 ta' Ġunju, 2015 tat is-sentenza li r-rikorrent talbu r-revoka tagħha ai termini tal-artikolu 811(l) tal-Kap. 12. Fid-deċiżjoni tal-14 ta' Diċembru, 2015 il-Qorti tal-Appell qalet li peress li l-proċedura kienet ta' ritrattazzjoni taħt l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12, ma ssirx valutazzjoni mill-ġdid tal-provi,

> "*4. Li kieku l-konvenuti kienu qegħdin jitolbu valutazzjoni mill-ġdid tax-xiehda li fuqha straħet din il-qorti biex waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza attakkata, il-konvenuti kien ikollha raġun jirrikużaw lill-imħallfin li diġa għamlu valutazzjoni tal-istess xiehda. Din iżda biss verifika dwar jekk saritx supposizzjoni jew esklużjoni żbaljata ta' fatt li "ma tkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza". Jekk il-fatt huwa wieħed li kien 'punt ikkontestat' illi kien ġie deċiż bis-sentenza, i.e. fatt li dwaru l-imħallfin ġia' fissru l-fehma tagħhom, ma tingħatax ritrattazzjoni. Il-kwistjoni mela bilfors trid tkun dwar fatt li, għax ma kienx 'punt kontestat deċiż bis-sentenza attakkata', huwa fatt li dwaru l-imħallfin għadhom ma tawx il-fehma tagħhom u, għax għadhom ma tawx il-fehma tagħhom fuqu, ma huwiex raġuni għar-rikuża jew astensjoni*".

2. B'sentenza tat-28 ta' Ġunju, 2016 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla lliberat lit-tieni intimat mill-osservanza tal-ġudizzju u ċaħdet it-talba tar-rikorrenti. Wara li għamlet riferenza għall-ġurisprudenza tal-qrati Maltin u l-Qorti Ewropea, qalet:

> "*Din il-Qorti tifhem li minn ezami ta' diversi sentenzi huwa stabbilit bhala principju li f'kazijiet fejn ikun hemm proceduri ta' ritrattazzjoni a bazi ta' l-artikolu 811 (e) tal-Kap. 12 ma jistghux jigu decizi mill-istess Imhallfin li jkunu ddecidew l-appell ghaliex ikun hemm lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq kif protett mill-Konvenzjoni Ewropea u l-Kostituzzjoni ta' Malta. Il-Qorti kienet osservat li ma jistax gudikant jidher li huwa oggettivament imparzjali meta jigi biex jikkonsidra talba li hu jkun, f'sentenza tieghu, applika l-ligi hazin.*

"*Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, il-Qorti trid tikkonsidra jekk id-decizjoni tal-Imhallfin li jippresjedu l-Qorti tal-Appell li jirrespingu t-talba ghar-rikuza abbazi talArtikolu 811(l) tal-Kap 12 huwa wkoll leziv ghad-dritt ghas-smigh xieraq quddiem tribunal imparzjali.*

"*Jigi precizat li mhuwiex il-kompitu ta' din il-Qorti li tezamina l-fatti li wasslu ghar-ritrattazzjoni. Mhiex appell tat-tielet grad. Isegwi wkoll li mhix ser tezamina jekk it-talba hix sostenibbli jew le; jew jekk humiex soddisfatti l-principji enuncjati fil-gurisprudenza applikabbli ghas-subinciz imsemmi, jew jekk tistax jew ghandhiex tintalab ir-revoka tas-sentenza. Dawn huma kollha mertu tar-ritrattazzjoni……..*

"*Il-Qorti Kostituzzjonali f'dak il-kaz, esprimiet il-fehma li ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 811(l) "ma jidhirlix li huwa l-kaz li testendi mutatis mutandis dak li gie ritenut u deciz fissentenza Cachia v Onor. Prim Ministru meta din iddecidiet dwar l-Artikolu 811(e). Jista' jigri li lapprezzament mill-gdid ta' fatti jkun tali li jkun aktar xieraq li l-kawza tigi mismugha u deciza minn gudikanti differenti, imma f'dan il-kaz, dak li hemm stipulat fil-ligi ordinarja toffri garanziji bizzejjed, u m'ghandux jitqies li fil-kaz kontemplat fl-Artikolu 811(l) hemm xi vjolazzjoni kontra l-Kostituzzjoni jew il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem." Ghalhekk irriteniet li dak deciz fil-kaz Salomone v Dingli kien "validu gust u korrett".*

"*Illi din il-Qorti taqbel ma' din il-posizzjoni. L-artikolu 811(l) tal-Kap 12 jirrigwarda zball oggettiv ta' fatt u ma jinnecessitax interpretazzjoni ta' dritt jew valutazzjoni millgdid ta' prova kontroversa. Ghaldaqstant ma ssibx li lprovvediment tal-14 ta' Dicembru 2015 mertu ta' dawn ilproceduri huwa leziv tal-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni in kwantu li tali provvediment inghata fi proceduri ta' ritrattazzjoni ppernjati fuq l-Artikolu 811(l) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta*".

3. Ir-rikorrenti appellaw mis-sentenza u ddeskrivew l-aggravju b'dan il-mod:

"*Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt illi l-ewwel Onorabbli Qorti – u dan qed jingħad bid-dovut rigward u rispett – jidher li ma apprezzatx il-leżjoni potenzjali tad-drittijiet tagħhom li kienu ser isofru l-odjerni appellanti meta t-talba tal-istess appellanti (dik ta' rikuża) kienet respinta u li l-istess Qorti wettqet distinzjonijiet ġuridiċi li effettivament ma jeżistux u li m'għandhomx jeżistu, anke jekk biex għamlet dan straħet fuq pronunzjamenti tal-qrati domestiċi*".

4. L-Avukat Ġenerali wieġeb li s-sentenza appellata hi ġusta u għandha tiġi kkonfermata. Żied li l-Qorti tal-Appell qalet sew fil-provvediment tal-14 ta' Diċembru, 2016 li f'kawża ta' ritrattazzjoni taħt l-artikolu 811(l), isir biss verifika dwar jekk saritx supposizzjoni jew esklużjoni żbaljata ta' fatt li ma jkunx ikkontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza. Li fatt ma jkunx kontestat ifisser li l-ġudikant ma jkunx iddeċieda dwaru. Kif qalet l-ewwel qorti, paragrafu (l) qiegħed jikkontempla żball oġġettiv ta' fatt u ma jeħtieġ l-ebda interpretazzjoni ta' dritt jew valutazzjoni mill-ġdid ta' prova kontroversa.

5. Ippreżenta wkoll tweġiba l-intimat l-ieħor li wiegeb li s-sentenza kienet ġusta u timmerita konferma. Żied li ma kienx il-leġittimu kontradittur u l-eċċezzjoni ġiet milqugha, u ma jirriżulta li dik il-parti tas-sentenza ġiet appellata. Dwar dan l-intimat, din il-qorti ma tarax li hemm x'jingħad peress li għalkemm ir-rikorrenti talbu r-revoka tas-sentenza tal-ewwel qorti tat-28 ta' Ġunju, 2016, fir-rikors tal-appell m'hemmx aggravju dwar dik il-parti tas-sentenza li lliberatu mill-osservanza tal-ġudizzju. Għalhekk dik il-parti tas-sentenza tal-ewwel qorti hi ġudikat.

6. Il-qorti rat l-atti tar-ritrattazzjoni, minn fejn jirriżulta li l-ilment tar-rikorrenti kien bażat fuq l-artikolu 811(l). Fir-rikors qalu:-

> "*10. Illi minn eżami tal-argumenti u osservazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Appell jirriżulta mingħajr ebda ombra ta' dubju li hija skartat għal kollox il-provi mressqa mill-esponenti ritrattandi nklużi provi dokumentarji u straħet interament fuq ċerta dikjarazzjonijiet li saru*

*mill-avukat Dottor Tonio Azzopardi fil-kawża li kien hemm quddiem il-Bord tal-Kera fl-ismijiet Goldkraft Limited vs Club Limited u ma tat ebda piż u ma saret ebda riflessjoni fuq dokumenti oħra preżentati mill-istess esponenti ritrattandi li jindikaw ċar u tond li r-residenza ordinarja tagħhom tinsab hawn Malta proprju fil-fond de quo*".

7. Hu magħruf li:-

i. Ir-rimedju ta' ritrattazzjoni hu ta' natura straordinarja u li jidderoga mill-prinċipju ġenerali li l-ġudikat jorbot lill-partijiet;

ii. Il-każijiet fejn tista' tintalab ir-ritrattazzjoni, huma tassattivi. Inoltre, d-disposizzjonijiet relattivi għandhom jingħataw nterpretazzjoni ristretta;

iii. Proċedura ta' ritrattazzjoni fiha żewġ stadji, *in rescindendo* u *in rescissorio*. Fl-ewwel stadju, il-qorti trid tiddetermina hemmx bażi li s-sentenza tiġi mħassra minħabba raġuni li tissemma fl-artikolu 811 tal-Kap. 12. Fit-tieni stadju:-

"*In tema ta' ritrattazzjoni ta' kawza fi stadju ta' "in rescissorio" u cioe' meta l-Qorti tkun qieghda tghaddi biex tezamina mill-gdid il-kawza wara li s-sentenza antecedenti tkun giet imwarrba l-Qorti kellha hekk tikkonduci dan l-ezami fuq l-atti kif kienu migbura. Ma kellhiex allura jekk mhux eccezzjonalment tirrikjedi jew tippermetti l-produzzjoni ta' provi li ma kienux ingabu quddiem l-ewwel Qorti jew fejn il-ligi hekk tippermetti quddiem il-Qorti fit-trattazzjoni tal-appell*". (**Adrian Mifsud nomine vs Godwin Abela nomine**, tal-14 ta' Jannar, 2002).

8. Skont l-artkolu 814 tal-Kap. 12:

"*Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-Sub-titolu II tat-Titolu II ta' it-Tielet Ktieb ta' dan il-Kodiċi, it-talba għar-ritrattazzjoni għandha ssir*

*quddiem il-qorti li tkun tat is-sentenza attakkata, u jistgħu joqogħdu fiha l-istess imħallfin jew maġistrati*".

Fil-każ in eżami m'hemmx waħda mir-raġunijiet li jissemmew f'Sub-titolu II tat-Titolu II ta' it-Tielet Ktieb tal-Kap. 12 sabiex tintlaqa' eċċezzjoni ta' rikuża.

9. Is-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Ġunju, 2016 kienet *in rescindendo*. Biha l-qorti ddeterminat seħħx żball ta' fatt skont paragrafu (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12. F'dak l-istadju ma ssirx mill-ġdid l-evalwazzjoni tal-provi.

10. Hemm ġurisprudenza vasta in konnessjoni ma' paragrafu (l) tal-Kap. 12. Il-qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-7 ta' Ottubru, 1996 fl-ismijiet **Charles Farrugia et nomine vs Benny Schembri**, fejn ikkonfermat li sabiex iseħħ żball ta' fatt hu meħtieġ:

"*i. L-iżball (….) ikun żball materjali ta' fatt u mhux żball ta' kriterju jew ta' interpretazzjoni.*

"*ii. L-iżball irid jirriżulta mill-atti u dokumenti tal-kawża u għalhekk hija inassolutament inammissibbli l-produzzjoni ta' atti u dokumenti ġodda biex tiġi fornita l-prova tal-iżball (….)*

"*iii.**Illi l-istess żball ikun manifest, tali cioe' li jemerġi mis-sempliċi konfront bejn id-dikjarazzjonijiet ta' sentenza u l-atti u dokumenti tal-kawża, b'mod li jkun jidher prodott esklussivament minn sempliċi <u>inavvertenza tal-ġudikant</u>** (….)*

"*Inoltre, il-kelma 'ibbażata', fl-espressjoni wżata mill-leġislatur "… d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq supposizzonijiet ta' xi fatt…" neċessarjament tfisser li dak l-iżball ikun iddetermina d-deċiżjoni impunjata, ossia jkun żball deċiżiv, b'tali mod li s-sentenza ivviżjata b'dak l-iżball ma tkunx tista' tiġi sanata minn xi raġunamenti oħra*

> *indipendenti minn dik żbaljata (Mifsud v. Zahra, Appell, 18 ta' Ġunju 1954)*".

Paragrafu (l) jeżiġi wkoll li, ***"il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza"***.

11. Bis-sentenza tal-24 ta' Ġunju 2016 il-Qorti tal-Appell ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti sabiex tħassar is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2015 u tordna mill-ġdid is-smigħ tal-appell. Fis-sentenza tas-26 ta' Ġunju, 2015 il-Qorti tal-Appell:

i. Fl-ewwel lok qalet li sabiex ir-rikorrenti jieħdu protezzjoni mill-artikolu 12(A) tal-Kap. 158, kellhom jagħtu prova li l-fond kien ir-residenza ordinarja tagħhom meta għalaq iċ-ċens jew sub-ċens u wkoll li kien hekk għadu okkupat fl-1 ta' Lulju, 2007.

ii. Fit-tieni lok għaddiet biex tagħmel apprezzament tal-provi biex tiddetermina jekk il-fond kienx ir-residenza ordinarja tar-rikorrenti fl-14 ta' Ġunju 2002 u fl-1 ta' Lulju, 2007. Il-Qorti tal-Appell semmiet diversi fatturi li wassluha biex tikkonkludi li fiż-żmien rilevanti r-residenza ordinarja tar-rikorrenti ma kinitx Malta u għaldaqstant ma kellhomx jedd jinvokaw l-artikolu 12A tal-Kap. 158 sabiex ikomplu jokkupaw l-appartament fi Triq is-Sur Fons, San Ġiljan oġġett tal-kawża.

12. Il-kritika li r-rikorrenti ghamlu fir-rikors ta' ritrattazzjoni għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tas-26 ta' Ġunju 2015 hi li:

(i) Straħet fuq ċertu dikjarazzjonijiet li saru mill-avukat Dr Tonio Azzopardi fil-kawża quddiem il-Bord Li Jirregola l-kera, Goldkraft Limited vs Club Limited u ma tat l-ebda mportanza għal dokumenti li ppreżentaw ir-rikorrenti;

(ii) Dr Tonio Azzopardi ma tressaqx bħala xhud u għalhekk ma saritx l-aħjar prova u li f'kull każ dak l-avukat ma kienx awtorizzat jagħmel dawk id-dikjarazzjonijiet li l-qorti aċċettat bħala prova;

(iii) Ix-xhud George Meilaq qatt ma xehed li r-rikorrenti jgħixu barra minn Malta.

Ilmenti li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-iżball ta' fatt kontemplat f'paragrafu (l) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12.

13. Dak li r-rikorrenti riedu li l-Qorti tal-Appell tagħmel fl-istadju *in rescindendo* mhu xejn għajr li tevalwa mill-ġdid il-provi li tressqu dwar il-punt ikkontestat bejn il-partijiet, li kien jekk fid-dati rilevanti r-rikorrenti kinux residenti fil-fond in kwistjoni. Evalwazzjoni li ma tistax issir f'dak l-istadju meta l-qorti għandha biss:

i. Tiddetermina jekk l-ilment tal-appellat huwiex dwar żball ta' fatt tat-tip kontemplat f'paragrafu (l), fis-sens li ssir sempliċi verifika mill-atti dwar jekk id-deċiżjoni kinitx bażata:-

(a) fuq is-supposizzjoni ta' fatt li l-verita' tieghu **tkun bla ebda dubju eskluża**;

(b) fuq is-supposizzjoni li ma jeżistix fatt, li l-verita' tiegħu **tkun stabbilita pożittivament**;

ii. Tiżgura li l-fatt ma jkunx punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza.

Ovvjament dan l-eżercizzju isir għall-ewwel darba fil-proċeduri ta' ritrattazzjoni, u f'dak l-istadju l-qorti tkun għadha ma esprimitx ruħħa dwar din il-materja.

14. Ghal dak li jirrigwarda l-garanzija ta' imparzjalita ta' gudikant, kif sewwa qalet l-ewwel qorti jeżisti t-test soġġettiv u dak oġġettiv. L-ilment tar-rikorrenti m'huwiex bażat fuq l-ewwel aspett, iżda fuq it-tieni wieħed. Luzius Wildhaber[1] f'artiklu *Judicial Impartiality Under the European Convention on Human Rights*, kiteb:

> "*The difficulty in establishing a lack of personal impartiality has led the Court to concentrate on an objective approach, that is determining whether a judge offers sufficient guarantees to exclude any legitimate doubt as to a lack of impartiality. In other words, in view of the difficulty of establishing to the required standard of proof whether or not a court is actually impartial, the case-law has looked at whether*

[1] President tal-Qorti Ewropea bejn l-1 ta' Novembru 1998 u 18 ta' Jannar 2007.

*courts can be* ***<u>seen to be</u>*** *impartial. It is here that the Court has introduced the notion of appearances; what is at stake, as the Court has held, is the confidence which the courts must inspire in the public in a democratic society. Whether misgivings as to impartiality are to be regarded as objectively justified depends on the circumstances of each case. The Court has held that in criminal proceedings "while the standpoint of the accused is important", it is not decisive. What is decisive is whether, in criminal proceedings, the accused's fear that a judge lacks impartiality can be held to be objectively justified. Thus it is not only that the person directly concerned by the proceedings must have apprehensions, but those fears must appear reasonable to the external observer*".

Fis-sentenza **Kraska v. Switzerland** (19 ta' April, 1993), il-Qorti Ewropea qalet:

"*32. The Court has already stressed on numerous occasions the importance of appearances in the administration of justice,* ***but it has at the same time made clear that the standpoint of the persons concerned is not in itself decisive****.* ***The misgivings of the individuals before the courts, for instance with regard to the fairness of the proceedings, must in addition be capable of being held to be objectively justified*** *(see, among other authorities, mutatis mutandis, the Hauschildt v. Denmark judgment of 24 May 1989, Series A no. 154, p. 21, para. 48)*".

15. Ir-rikorrenti jsostnu n-nuqqas ta' imparzjalita tal-Qorti tal-Appell minħabba l-fatt li kienet komposta mill-istess tlett imħallfin li qabel kienu semgħu u ddeċidew l-appell bis-sentenza impunjata tas-26 ta' Ġunju, 2015.

16. Il-qorti ma tistax taqbel li fl-istadju *in rescindendo* il-biża' ta' *bias* kienet oġġettivament ġustifikata, peress li fir-rigward ta' talba għal ritrattazzjoni minħabba żball ta' fatt (paragrafu (l) tal-artikolu 811) il-ġudikant m'huwiex mitlub jinterpreta l-fatti li dwarhom ikun diġa' esprima

l-fehma tiegħu. Kif spjegat hawn fuq l-eżercizzju li tagħmel il-qorti hu limitat ħafna, u fl-ebda stadju ma jinvolvi evalwazzjoni jew interpretazzjoni ta' fatti.

17. Għalkemm l-ilment tar-rikorrent kif spjegat fir-rikors ta' ritrattazzjoni mhu xejn għajr stedin sabiex il-qorti tagħmel apprezzament tal-provi mill-ġdid, dan il-fatt ma seta' qatt iwassal għal konklużjoni li l-biża' kienet oġġettivament ġustifikata ġialadarba skont il-liġi fl-istadju *in rescindendo* m'huwiex permess li ssir evalwazzjoni ġdida tal-provi. Il-qorti żżid li l-fatt li l-imħallfin kienu diġa familjari mal-kawza li dwarha kienet qeghda tigi mpunjata s-sentenza, ma kienx minnu nnifsu jimpinġi fuq l-imparżjalita tagħhom.

18. F'decizjoni li nghatat fl-20 ta' Settembru, 2011 mill-Qorti Ewropea dwar l-ammissibilta' ta' applikazzjoni ta' **Jurgen Binder** (numru 44455/07) intqal:

> "*The Court observes at the outset that fears as to the lack of impartiality of judges at a court of appeal may be objectively justified where appeal court judges had already previously heard the merits of the case and adopted the impugned judgment and were therefore called upon to decide whether or not they themselves had committed* ***an error of legal interpretation or on their ability to apply the law*** *(see Oberschlick v Austria (no. 1), 23 May 1991, §50-52, Series A no. 204; De Haan v. the Netherlands, 26 August 1997, §51, Reports of Judgments and Decisions 19970IV; and San Leonard Band Club v. Malta, no 7562/01, §61-66, ECHR 2004-IX; see also, mutatis mutandis, Kayasu v. Turkey, nos. 64119/00 and 76292/01, §12, 13 November 2008)*".

Fis-sentenza **San Leonard Band Club v. Malta** (29 ta' Ottubru, 2004), l-istess qorti waslet għal konklużjoni li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq (artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni) minħabba li:

> "*63. In this connection, the Court observes that, as regards the request for a retrial, the Court of Appeal was essentially called upon to ascertain whether its previous judgment of 30 December 1993* ***was based on a misinterpretation of the law****. Thus, the same judges were called upon to decide whether or not they themselves had committed* ***an error of legal interpretation or application in their previous decision, being in fact requested to judge themselves and their ability to apply the law***".

Il-każ tal-lum hu differenti in kwantu fl-istadju tal-proċeduri li fiha saret it-talba ta' rikuża, il-qorti ma kinitx ser tiddeċiedi jekk is-sentenza tas-26 ta' Ġunju 2015 kinitx bazata fuq interpretazzjoni ħażina tal-provi. L-evalwazzjoni u l-interpretazzjoni tal-provi ssir mill-ġdid biss f'każ li tintlaqa' t-talba ghat-thassir tas-sentenza u sabiex issir ir-ritrattazzjoni, u f'liema ċirkostanza l-partijiet kienu jitpoġġew fil-posizzjoni li kienu qabel ingħatat is-sentenza tal-24 ta' Ġunju, 2016. F'dak l-istadju l-ilment tar-rikorrenti kien bla dubju jkun ġustifikat wkoll a bazi tal-artikolu 734(1)(d)(ii) tal-Kap. 12.

19. Inoltre, is-sentenza li ngħatat mill-Qorti tal-Appell fil-24 ta' Ġunju, 2016 hi korretta kemm fir-rigward ta' kif spjegat l-artikolu 811(l) tal-Kap. 12 u meta kkunsidrat dak li r-rikorrent kienu qegħdin jipproponu li jsir fl-

istadju *in rescindendo*. Dan fih innifsu juri li l-biża' li seta' kellhom ir-rikorrenti dwar nuqqas ta' mparzjalita tal-ġudikanti, m'hijiex f'lokha.

**Għal dawn il-motivi l-qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-appellanti.**

| | | |
|---|---|---|
| Tonio Mallia<br>Aġent President | Joseph Azzopardi<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb